**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 14 ta' Settembru, 2020**

**Talba Nru: 200/2020PM1**

**Farsons Beverage Imports Company Limited (C476)**

**Vs**

**Nigel Gatt (K.I. 163188(M)) u Xylon Aquilina (K.I. 548988(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-ewwel (1) ta' Settembru, elfejn u ghoxrin (2020) permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-istess socjeta` attrici is-somma ta' elf, disgha mija u tmienja u sittin euro u erbgha u ghoxrin centezmi (€1968.24) rapprezentanti prezz ta' merca li giet mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut liema somma baqghet qatt ma giet imhallsa ; bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-prezenti rikors inkluz tal-ittra ufficjali numru 2272/2019 u b'rizerva ghal ammonti ulterjuri li jistghu ikunu dovuti.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess a sostenn tat-talba.

Ra r-risposta li permezz taghha l-konvenut Xylon Aquilina ikkontesta l-ammont bhala dovut minnu u eccepixxa li l-atturi ghandhom isejhu lil ommu fil-kawza skont

kuntratt li hija iffirmat fejn hija obbligat ruhha li thallas l-ammonti li qeghdin jintalbu fil-kawza u dan kif ser jigi muri. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-attrici.

Ra li l-intimat Nigel Gatt gie notifikat bl-atti tal-kawza fit-8 ta' Mejju, 2021 imma ma ressaqx risposta ghall-istess.

Ra li waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju, 2021 l-avukati prezenti infurmaw lit-Tribunal li kien intlhaq ftehim bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut Xylon Aquilina li permezz tieghu l-istess Aquilina accetta li l-ammont mitlub huwa dovut salv id-dritt ta' rivalsa favur tieghu kontra l-konvenut l-iehor Nigel Gatt.

Sema' x-xhieda ta' Rita Gatt waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju, 2021 u ra d-dokumenti ezebiti minnha.

Ra li l-kawza thalliet ghad-decizjoni finali ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi din il-kawza tirrigwardja talba mis-socjeta`attrici ghall-hlas ta' prezz ta'merca mibjugha u kkonsenjata minnha lill-konvenuti.

Illi da parti tieghu il-konvenut Xylon Aquilina fl-ewwel stadju ikkontesta t-talba permezz tar-risposta tieghu datata 2 ta' Novembru, 2020 imma mbaghad, skont kif verbalizzat waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju, 2021, lahaq ftehim mas-socjeta` attrici li permezz tieghu accetta li l-ammont mitlub mill-istess socjeta` attrici huwa dovut minnu u dana dritt ta' rivalsa fil-konfront tal-konvenut l-iehor Nigel Gatt.

Illi l-konvenut Nigel Gatt, ghalkemm debitament notifikat bl-atti fit-8 ta' Mejju, 2021 la prezenta risposta ghall-istess talba attrici u lanqas deher jew prova jressaq provi f'dawn il-proceduri.

Illi waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju, 2021 xehdet ir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici Rita Gatt fejn ikkonfermat is-segwenti :

> *Nokkupa l-kariga ta' Credit Control Executive fi hdan is-socjeta' attrici. Nghid li llum-il gurnata l-konvenuti huma debituri taghna fis-somma ta' elf sitt mija tmienja u sittin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1,668.24c). Nghid li hallsu mija u hamsin ewro (€150) ghal darbtejn fix-xahar ta' Mejju li ghadda. Nghid li fil-fatt konna lhaqna ftehim li permezz tieghu kellhom jaghmlu dawn il-pagamenti f'Marzu tas-sena li ghaddiet. Nghid li dan il-ftehim intlahaq esklussivament ma' Xylon Aquilina. Fuq mistoqsija tat-Tribunal dwar jekk ahna ghandniex niehdu minghand Nigel Gatt nghid li bhala accounts dawn jghajtu lilu wkoll. Ghaldaqstant jiena nghid li t-tnejn li huma ghandhom jaghtuna dawn il-flus. Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li suppost il-konvenut kellu jhallas mija u hamsin (150) fix-xahar pero' kif ghidt qabel kull ma ghamel hallas mija u hamsin euro (€150) ghal darbtejn f'xahar wiehed biss u dan minn erba' (4) pagamenti li suppost kienu dovuti sal-gurnata tal-lum. Ghaldaqstant jiena nghid li dan il-kuntratt prezentement qed jigi miksur minn Xylon Aquilina. (…) Lanqas ma jirrizultalna li saret xi komunikazzjoni maghna firrigward ta' dan in-nuqqas ta' pagament.*

Illi t-Tribunal m'ghandu ebda dubbju li l-ammont indikat f'tali xhieda u fl-i*statement* ezebit u cioe` dak ta' €1668.24 huwa effettivament dovut miz-zewg konvenuti dana mhux biss skont ix-xhieda ta' Rita Gatt imma wkoll abbazi tal-iskrittura sottoskritta minnhom it-tnejn li permezz taghha raw li jirregolaw id-debitu taghhom favur is-socjeta` attrici. L-ammont huwa inqas minn dak mitlub peress li, kif imfisser mill-istess xhud, twettqu biss zewg pagamenti fil-mori tal-kawza.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal isib li z-zewg konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici ridott wara l-pagamenti li gew imwettqin fil-mori, dana salv kwalunkwe dritt ta'rivalsa li huma jista' jkollhom fil-konfront ta'xulxin

jew fil-konfront ta' terzi skont il-kaz. Kjarament kwalunkwe drittijiet ta'dan it-tip li l-konvenuti jista' jkollhom fil-konfront ta' xulxin jew fil-konfront ta' terzi jikkostitwixxi *res inter alios acta* ghas-socjeta` attrici li kjarament ghandha d-dritt illi titlob u tottjeni l-hlas spettanti lilha mill-konvenuti bhala l-kontraenti taghha. Tenut kont in-natura kummercjali tad-debitu, a tenur tal-art. 1141 tal-**Kodici Civili**, it-talba ghall-imghax mid-data tal-prezentata tal-azzjoni odjerna hija wkoll gustifikata. L-ispejjez jibqghu ukoll dovuti mill-istess konvenuti.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut Xylon Aquilina, konsegwentement jilqa' it-talba, stante l-pagament fil-mori, limitatament fis-somma ta' elf, sitt mija u tmienja u sittin euro u erbgha u ghoxrin centezmi (€1668.24) u kwindi jikkundanna liz-zewg konvenuti sabiex ihallsu lill-istess socjeta` attrici l-istess s-somma ta' elf, sitt mija u tmienja u sittin euro u erbgha u ghoxrin centezmi (€1668.24) raprezentanti prezz ta' merca mibjugha u kkonsenjata lilhom mill-istess socjeta` attrici bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interpellatorja numru 2272/2019 u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Settembru, 2020 kontra l-istess konvenuti.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**